# IL-"CODEX SINAITICUS"

Dawk li għandhom ħjiel mhux ħażin ta' l-istorja, huma x'inhuma, Lhud, Insara, Misilmin jew Atej-Materjalisti, ikollhom jistqarru li fost in-nies il-kbar, Ġesù kien dak li ġieb fid-dinja l-aktar tibdil. Nies li jemmnu bih u li ma jemmnux, aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar qegħdin jaraw kemm huma xierqa u tajbin il-fehmiet tiegħu (1), u bil-qajl (għax xejn ma jsir sewwa bil-għaġla), idaħħluhom fil-liġijiet tal-pajjiż.

Dan ir-raġel, Ġesù, ftit dam fid-dinja, għax miet meta kellu xi tletin sena. U ħajtu qisha kollha għexha bħan-nies l-onra: jaħdem, bi ħsieb jgħajjex 'l ommu u jżomm id-dar. Iż-żmien li fih wera fehemtu u għallem tagħlimu, kienet l-aħħar sena ta' ħajtu (hekk jidher mis-Sinottiki, u l-ibkar santi Padri hekk jgħidu wkoll) (2). U tarġa' minn din is-sena trid tnaqqas xi erba' xhur jew ħamsa: l-erbgħin jum tas-sawma, u xi tliet xhur, jew xi ħaġa iżjed tax-xitwa (min-Novembru, meta jibda żmien ix-xita fil-Palestina sa Marzu tas-sena ta' wara) żmien li fih Ġesù jew tbiegħed mill-Palestina (3) inkella qagħad xi mkien migbur għalih waħdu, fejn in-nies ma jsibuhx. Mela kif ġara li fi żmien tmin xhur, jew sebgħa, Ġesù tagħa lid-dinja din it-tefgħa kollha, li għadha sejra s'issa, u qegħda tiżdied kull ma jmur?

Ġesù, isthajlu li bi kliemu qabbad nar: nar, ġewwa xi wetja miksija bil-ħaxix niexef. Ir-riħ jonfoħ; ix-xrar itir; u kull fejn taqa' xrara, il-ħuxlief jixgħel. Dan in-nar kien hemm ħafna min ried jitfih, imma ma satax. U ara kemm xtered bil-għaġla, li f'anqas minn tlitt mitt sena, quddiem dan-naqra ta' ħadd diem Lhudi, kellu jbaxxi rasu l-kolossu tal-Imperu Ruman!

Imma biex saret dit-tibdila kollha? X'kien ix-xrar li qabbad dan in-nar? Kienet il-kitba! Għax ħafna mit-tagħlim ta' Ġesù laħaq inkiteb min-nies, qabel ma miet hu; u n-nies ta' fehma tajba li laħqu qrawħ, issaħħru fuqu. Għax it-tagħlim ta' Ġesù isthajlu li huwa duwa; duwa li ddewwi l-mardiet u t-tbatijiet kollha, tal-ġisem u tal-ħsieb. U min ma għandux xi għilla? Xi ħaġa li tkiddu u tifnih? Min għandu l-ġid kollu tad-dinja: saħħa, flus u libertà, għandu diq ukoll li ma jistax jeħles minnu; għandu l-biża' tal-mewt! Mela, bħal ma kull ħadd ifittex li jikseb ftit duwa għax għandu xi marda, hekk kull ħadd beda jfittex itenni l-kitba ta' kliem Ġesù, meta n-nies intebħet bil-ġmiel u s-siwi li kienu fih.

L-Insara — jiġifieri n-nies li emmnu-tagħlim ta' Ġesù u riedu jgħixu fuqu — ma'tul l-ewwel u t-tieni u t-tielet mitt sena ta' wrajħ, żdiedu tal-għaġeb, hekk li l-Imperatur ta' Ruma, Djoklezjanu, tbażża' minnhom! Ara sa fejn kien daħal id-Din Nisrani, li mart Djoklezjanu u bintu kienu Nsara! Għal hekk l-Imperatur għamel għall-Insara u ried jeqridhom kollha, u dam iqattel fihom għal xi disa' snin. L-aqwa ħaġa li kellhom l-ewwel Insara kienu l-Kotba; kotba, bit-tagħlim tal-Profeti u t-tagħlim tal-Appostli, u f'nofshom, b ħ a l a l-qalba ta' kollox, it-tagħlim ta' Ġesù; għax il-Profeti ħabbruh, u l-Appostli xandruh. Għal hekk Djoklezjanu, meta għamel għall-Insara, fettxilhom l-aqwa ħaġa: li jaħarqilhom il-Kotba li kellhom.

U ħaraq Kotba, Djoklezjanu! Ħaraq minnhom bl-eluf! U ġarraf knejjes, u qatel Insara! Imma l-Kotba ma seħħlux jaħraqhom kollha, għax ħelsuha x'erba' minnhom u baqgħu moħbijin. U l-Insara ma qatilhomx kollha, l-anqas. Għax ħelsuha xi ftit minnhom u baqgħu ħajjin. U minn dawn il-ftit Insara u l-ftit Kotba, innar ta' Ġesù raġa' beda jaqbad! Għax ix-xrar raġa' beda jtir fuq il-ħuxlief!

erba' snin ilu, f'Novembru tas-sena 1859.

Il-kotba tal-qedem kienu jkunu ta' żewġ xorta: kotba twal u mgerbin, donnhom fisqija, li kull wieħed jgħidulu *volumen* (4), u kotba folji-folji, marbutin flimkien, li kull wieħed jgħidulu *codex* (4). Ir-rħas fosthom kienu jkunu tal-bordi, jew tal-*papiru*, jiġifieri tal-qxur tal-qasab; u l-għoljin, is-sbieħ, kienu jkunu tal-ġild. Il-ġild, fix-xorta tal-k o t b a



*Ritratt tal-"Codex Sinaiticus", il-ktieb tal-ġild tan-nagħaġ, li għandu żmien fuq l-elf u sitt mitt sena. Xtrawh l-Ingliżi minn għand ir-Russi b'£100,000 (mitt elf lira) fis-sena* 1933. *Jinsab fil-British Museum.*

Mela: il-għodda ta' Ġesù, biex ibiddel id-dinja, wara mewtu, kienet il-kitba. Issa naqbdu fuq ħaġa oħra, u naraw ftit kif kienu l-kotba ta' dak iż-żmien. U naraw biss wieħed mill-eqdem żewġ kotba nsara tad-dinja: naraw il-"Codex Sinaiticus", li nsab b'sadfa, jew *kunbinazjoni* kbira, fl-1844, u nħeles mit-telfien mija u

*volumen*, kien ikun miktub min-naħa waħda; imma tax-xorta *codex*, kienu jkunu miktubin miż-żewġ naħat. Il-kotba tal-Insara, kienu, kif jidher s'issa, tal-għamla *codex*. L-eqdem żewġ kotba Nsara li hawn fid-dinja, jixbhu ħafna lil xulxin, u t-tnejn ta' żmien Kostantinu, jiġifieri tal-ewwel nofs tar-Raba' seklu. It-tnejn ta'

din il-għamla; wieħed qiegħed fil-Biblijoteka tal-Vatikan, Ruma, u għal hekk jgħidulu *Codex Vaticanus*, u l-ieħor qiegħed fil-British Museum, Londra, u billi nsab fuq is-Sinaj, jgħidulu *Codex Sinaiticus*. Ngħidu xi ħaġa fuq dan tal-aħħar, għax fuqu hawn ħafna miktub.

Mela, fil-barr ta' bejn l-Eġittu u l-Palestina, hemm ġebel għoli, jew *muntanja* kbira, jgħidulha Ġ e b e l Sinaj. Hemm fuq hemm Dejr, qadim għall-aħħar, tar-Rhieb Griegi, li kien mibni mill-Imperatur Ġustinjanu fis-seklu VI (Ġustinjanu twieled fis-sena 483 u miet fis-sena 565). Darba waħda, f'Mejju tas-sena 1844, mar iżur dad-Dejr wieħed għaref Ġermaniż, jismu Kostantinu Tischendorf, biex jara jsibx xi test qadim tal-Bibbja, u qagħad hemm ftit taż-żmien. Fil-kamra fejn ir-Rħieb kellhom il-forn fejn jaħmu l-ħobż (għax hemm fuq bgħid mill-ibliet, għal hekk ir-Rhieb jagħmlu kollox huma), ra qartalla mimlija bil-kotba mqattgħin. Saqsa għal fejn kienu hemm, u qalulu li kienu hemm għal ħruq, u li qabel kienu ħarqu żewġ qratal kotba oħra. Tischendorf mar iqalleb il-kotba f'dil-qartalla, u fost il-kotba mqattgħin, sab 129 folja ta' "codex", jew ktieb tal-ġild, qadim għall-aħħar, l-eqdem wieħed li kien iltaqa' miegħu. Talab lir-Rhieb li jagħtuh dawk il-folji, imma ma redux. Tawh biss minnhom 43 folja, jiġifieri mittlieta waħda tagħhom. Ħadhom, u wara tagħhom rigal lil Federiku Augustu II, re tas-Sassonja, li qegħedhom fil-Librerija Publika ta' Leipzig. Qabel ma telaq, Tischendorf qal lir-Rhieb li jibżgħu għal dawk il-folji, għax kienu qodma ħafna u għeżież.

Tischendorf billi kien ħsiebu fil-folji li kien ħalla warajh, raġa' mar is-Sinaj disa' snin wara, fis-sena 1853; imma r-Rħieb ma tawh ebda tagħrif fuq x'kienu għamlu bihom, u hekk qaibu sewda, raġa telaq minn hemm. Imma raġa' mar sitt snin wara, u daħal f'dak id-Dejr fil-31 ta' Jannar, tas-sena 1859. Qagħad hemm erbat ijiem, u fil-għaxija, jum qabel ma telaq, qagħad jitħaddet mal-ajk li kien jieħu ħsieb il-mejda tar-Rhieb u semmielu l-kotba l-qodma. L-ajk qallu li hu wkoll kellu ktieb qadim, u medd idu fuq il-farxa ta' bieb ċelltu, fejn kien iżomm il-kikkri tal-kafe, u ġieb minn hemm ktieb oħxon misrur f'biċċa xoqqa ħamra. L-ajk fetaħha u Tischendorf jara quddiemu "codex". Magħmul mill- folji li hu kien sab fil-qartalla ħmistax il-sena qabel, u ħafna oħrajn sħabhom, li flimkien kienu jagħmlu biċċa mill-Għaqda l-Qadima, u l-Għaqda l-Ġdida kollha, u żewġ kotba oħra: l-ittra ta' San Barnaba u ktieb ieħor j g ħ i d u l u r-Rgħaj ta' Hermas; kollox miktub bil-Grieg, fuq il-ġild.

Tischendorf, biż-żgħil, qala' minn għand dawk ir-Rhieb li jieħu miegħu dak il-"codex", għand ir-R ħ i e b sħabhom, fil-Kajr. Imma Tischendorf, teżor bħal dak ma riedx jitilqu. Għal hekk talab lill-kbarat tagħhom li jagħtu dak il-ktieb bħala rigal lill-Kzar tar-Russja Alessandru II, li kien jagħmlilhom wisq ġid. Wara ħafna tiġbid, qalulu iwa, u tah f'idejn il-Kzar fid-19 ta' Novembru tas-sena 1895. U l-Kzar lir-Rħieb tas-Sinaj tagħhom rigal ieħor minn bdielu: disat elef (9,000) rublu, li jagħmlu xi elf, tlet mija u ħamsin (1,350) lira deheb.

Dan il-"codex" il-Kzar qegħdu fil-Biblijoteka Imperjali ta' S a n Petersburg; hemmekk, wieħed Professur Ingliż, Kirsopp-Lake u l-mara

tiegħu bejn is-sena 1908 u 1911, ħadulu r-ritratt faċċata-faċċata, u daħħlu magħhom il-folji li kien hemm f'Leipzig. U min dawn ir-ritratti għamlu kopja eżatta fil-Clarendon Press. Hekk min iħobb jistudja, sata' jixtri kopja minn dawn u qisu jkollu quddiemu l-"codex" xorta waħda, mingħajr ma jeħtieġlu jsiefer u jdum żmien twil barra, jistudja l-ktieb.

Fis-sena 1917 saret ir-rivoluzjoni Russa u l-ħakma ġiet f'idejn il-Kommunisti, li huma Atej-materjalisti, għal hekk dan il-'codex' għaliħom ma kellu ebda siwi. Għal hekk wara żmien riedu jbigħuh. L-ewwel stiednu biex tixtrih lil Amerka, u ma ftiehmux. Wara kellmu wkoll lil British Museum ta' Londra, li xtratu bis-somma ta' mitt-elf (100,000) lira; 50,000 minnhom inġabru mill-poplu u 50,000 oħra ħariġhom il-Mużew. Hekk dan il-manuskritt, imsemmi *Codex Sinaiticus* inkiseb minn l-Ingliżi, u tqiegħed fil-British Museum jumejn wara l-Milied, jiġifieri fis-27 ta' Diċembru tas-sena 1933.

Dan il-"codex" magħmul minn mazzi ta' tmien folji tal-ġild ilwieħed; kull folja twila ħmistax il-pulzier u wiesgħa tlittax u nofs jew erbatax. Dawn it-tmien folji magħmula minn żewġ ġildiet, tannagħaġ jew tal-mogħoż, kull ġilda mitnija fi tnejn, li tagħmel żewġ folji, jiġifieri erba' faċċati. Fil-bidu, kull biċċa ġilda minn dawn kienet twila xi 28 pulzier u wiesgħa xi 16; imbagħad mal-mijiet ta' snin, kull darba li jagħmlu qoxra ġdida fil-ktieb kienu jqassu ftit minnha.



*L-Eġittu — Id-Dejr ta' santa Katarina, fuq Ġebel Sinaj, fejn Tischendorf sab il-"Codex Sinaiticus" fis-sena* 1844

Il-ġilda jkollha żewġt uċuħ: wiċċ in-naħa ta' barra, fejn ikun hemm ix-xagħar tal-bhima, u jkun aħrax, u wiċċ in-naħa ta' ġewwa, fejn ikun hemm il-laħam, u jkun mieles. Min għaqqad il-ktieb qagħad għajnejh miftuħa li l-uċuħ ta' bħal xulxin

ikunu quddiem xulxin; jiġifieri, wiċċ aħrax ma' wiċċ aħrax, u wiċċ mieles ma wiċċ mieles. Hekk min ikun jaqra, meta jiftaħ il-ktieb ma jkollux quddiem għajnejh faċċata ħarxa u faċċata mielsa, imma żewġ faċċati bħal xulxin.

Wara li jgħaqqdu erba' folji (jiġifieri tmien faċċati flimkien) kienu jtaqqbuhom toqob irqaq, fejn kellhom jagħmlu l-ħtut jew *rigi*, bgħida daqs l-insew minn xulxin. Il-ħtut, jew *rigi* kienu jiħożżuhom b'xi ħaġa jiebsa, m'hux bil-linka, fin-n a ħ a l-mielsa tal-ġilda. Kull faċċata kienu jħożżulha 48 ħatt. Wara kollox il-faċċati kienu jogħorkuhom b'xi ħaġa ħarxa biex taqbad tajjeb fuqhom l-linka.

Il-kitba tal-Codex Sinaiticus hija b'ittri Griegi kbar, jew kapitali. Miktubin ċari, mingħajr ebda żina, li mill-għamla tagħhom, min jifhem, jagħtih li jaħseb li huma tas-seklu III. Imma din il-fehma għandha tinqata' barra għax it-taqsimiet tal-Kotba tal-Evanġelju għandhom miktuba il-għadd fuqhom, ħaġa li kien beda jagħmilha Ewsebju ta' Qajsarija, fi żmien l-Imperatur Kostantinu, jiġifieri fis-seklu IV.

Il-kittieba li ħadmu dan il-ktieb jidhru li huma tlieta. Il-kitba tagħhom tixbaħ wisq lil ta' xulxin, u jidher li tgħallmu jiktbu għand mgħallem wieħed. Għall-ewwel dak li jkun, jaħseb li l-Codex Sinaiticus kitbu kollu kittieb wieħed, imma meta jifliħ sew jara xi rqaqat f'kull wieħed li ma ħumiex fl-ieħor. Waħda minn dawn hija l-ortografija, għax fil-Grieg drabi l-ħoss tal-kliem ikun bħal xulxin, imma l-ittri li trid tikteb, ma jkunux bħal xulxin, (5) u min ma jkunx jafhom sewwa bl-amment, malajr jitfixkilhom. Fost dawn it-tliet kittieba, wieħed għandu l-ortografija tajba wisq, għad li ma hix għal kollox temma; ieħor tajjeb ukoll, imma m'hux daqs tal-ewwel. U l-ieħor, imbagħad, daqs kemm għandu kliem miktub ħażin, tistagħġeb kif ħalluh jaħdem fi ktieb sabiħ ta' dik il-għamla.

Minn dan ukoll, jiġifieri mill-għaltiet jew *żbalji* tal-ortografija li fih dal-Codex, wieħed jista' jifhem ħaġa oħra: jifhem li l-kittieba, huma u jiktbu, ma kienux qegħdin jaraw minn fuq ktieb miftuħ quddiemhom; imma kien hemm xi ħadd jaqra u huma jiktbu. Għax kieku kellhom ktieb miftuħ quddiemhom, bil-li kull kelma qabel jiktbuha jarawha, kienu jiktbuha sewwa, u għaltiet ma kienux jagħmlu ħlief xi waħda 'l hawn u 'l hemm.

Ħaġa oħra li tidher hija din: li malli kienu jeħelsu biċċa kitba, il-qarrej kien jarġa' jaqra dak li nkiteb, u l-kittieba jiktbu xi kelma li b'seħwa kienu ħallew.

Barra minn dawn il-għaltiet jew *żbalji*, hemm oħrajn, uħud minnhom twal, li kien jaqbiżhom il-qarrej huwa u jaqra, li mbagħad kitbuhom kif setgħu wara. Hemm ukoll tisliħiet, jew *korrezzjonijiet*, u kliem mibdul, li sar żmien twil wara li kien inkiteb il-Codex, u sar minn fuq xi kotba oħra qodma, li daħrilhom li kienu aktar ta' min jorbot fuqhom.

S'issa għad ma hemmx raġuni qawwija biżżejjed biex wieħed jista' jaf sew fejn inkiteb dan il-Codex. Dak li huwa qisu ċert hu, li huwa u l-Codex Vaticanus inkitbu f'belt waħda u fi żmien wieħed, kif jidher mix-xebh kbir li għandhom ta' xulxin. Imma fil-Codex Sinaiticus hemm żewġ għaltiet li donnhom iġiegħlu lil min

jaħseb li nkiteb fil-Palestina, fil-belt ta' Qajsarija. U jekk inkiteb f'Qajsarija s-Sinaiticus, inkiteb hemm il-Vaticanus ukoll.

L-ewwel għalta hija din: fl-Evanġelju ta' san Mattew, taqsima XVIII, versi 52-54, hemm miktub li Ġesù, meta temm it-tixbiħat, telaq minn hemm u mar lejn pajjiżu. Minn bdiel *lejn pajjiżu*, li bil-Grieg hija *eis ten patrida*, il-kittieb kiteb *eis ten ANTIPATRIDA*, jiġifieri mar lejn il-belt ta' Antipatris. Issa din il-belt, Antipatris, qegħda qrib Qajsarija, fil-Palestina, 'l isfel minnha tul xi tletin mil.

Għalta oħra li tixbaħ lil din tinsab fl-Atti, taqsima VIII vers 5. Hemm jinsab miktub li Filippu niżel lejn is-Samarija; bil-Grieg: *eis ten polin tes Samarias*, u lil kittieb ħarġitlu li Filippu niżel *lejn Qajsarija;* bil-Grieg: *eis ten polin tes Kaisarian* Jiġifieri il-għaltiet huma ismijiet ta' bliet meħuda b'oħrajn, imma l-bliet li niżżel il-kittieb, huma fil-pajjiż ta' fejn kien qiegħed jikteb hu.

Minn dawn iż-żewġ għaltiet xi għorrief jaħsbu li l-Codex Sinaiticus, u sieħbu l-Vaticanus, huma tnejn mill-ħamsin ktieb li Kostantinu amar lil Ewsebju ta' Qajsarija li jagħmillu, għall-knejjes il-ġodda ta' Kostantinopli, fis-sena 332.

Issa hawnhekk naraw ftit tibdil fit-test tal-Codex Sinaiticus, fejn drabi jaqbel, u drabi jiħtilef, jiġifieri ma jaqbilx, mal-Vaticanus u ma' manuskritti ewlenija oħrajn.

Matt. X, 39. Il-kelmiet: "Min isib lil ħajtu jitlifha" is-Sinaiticus ħallieha barra, hu waħdu, fost il-manuskritti l-ewlenija kollha. Imma mbagħad niżżilha fih xi ħadd, wara żmien.

Matt. XII, 47-48. "Wieħed qallu: 'Hawn ommok u ħutek, barra, irid u jkellmuk'. Dawn il-kelmiet m'humiex miktuba fis-Sinaiticus, anqas fil-Vaticanus, imma f'tal-ewwel kitibhom xi ħadd ftit wara.

Matt. XVI, 2-3: Il-kelmiet: "Fil-għaxija tgħidu: 'Sa jkollna t-tjieb, għax is-sema jħammar'; u fil-għodu: 'Il-lum ix-xita, għax is-sema aħmar u tqil'. Ja nies ħżiena, tafu tagħarfu wiċċ is-sema, u ma tafux tagħarfu għeliem iż-żmien?" dan huwa mħolli barra fis-Sinaiticus u fil-Vaticanus; imma miktub fis-Sinaiticus ftit żmien wara wkoll.

Matt. XVII, 21. "Din ix-xorta (ta' erwieħ ħżiena) ma joħorġux ħlief bit-talb u s-sawm". Dan ukoll imħolli barra fis-Sinaiticus u l-Vaticanus, imma miżjuda wara f'tal-ewwel.

Matt. XIX, 9. Dal-kliem li ġej, imħolli barra fis-Sinaiticus, imma qiegħed fil-Vaticanus: "Min jiżżewweġ mara mkeċċija (minn żewġha), ikun jiżni".

Matt. XXIV, 35. "Is-smewwiet u l-art jitbiddlu, imma kliemi ma jitbiddelx". Dan il-kliem huwa mħolli barra fis-Sinaiticus biss, fost il-manuskritti kollha l-ewlenija.

Matt. XXVII, 49. Is-Sinaiticus u l-Vaticanus, wara l-kliem tal-isponża bil-ħall, hemm miktub: "U ieħor qabad lanza u nifidlu ġenbu, u ħareġ ilma u demm". Jiġifieri li Ġesù miet maqtul b'daqqa ta' lanza.

Mark, XVI, 9-20. Il-għeluq, fl-aħħar tal-Evanġelju, ma jinsabx fis-Sinaiticus, anqas fil-Vaticanus. Aktarx li l-manuskritt li kitbu minn fuqu kien jagħlaq bil-vers 8.

Luqa, IX, 55-56. "Ma tafux ta' liema raj intom! Bin Adam ma ġiex jitlef ruħ in-nies, imma ġie jeħlisha!"

Dal-kliem imħolli barra mit-tnejn, is-Sinaiticus u l-Vaticanus.

U hemm tibdil u tnaqqis u żjieda oħrajn; imma dawn li rajna biżżejjed biex wieħed ikollu ħjiel ta' kif kienu l-eqdem kotba tal-Insara, u kif kienu jiktbuhom fl-antik.

FRA STIEFNU O.F.M.

---

(1) Kruschev, meta kien Franza erba' snin ilu, qal hekk lil wieħed mi l-kbarat Franċiżi li kien riekeb miegħu fil-ferrovija: "Aħna l-Kommunisti naqblu f'kollox mal-fehmiet ta' Ġesù, barra minn ħaġa waħda: dik li jgħid li min jagħtik daqqa fuq wiċċek, dawwarlu ħaddejk ħalli jagħtik daqqa n-naħa l-oħra. Aħna l-Komunisti ngħidu: 'Min jagħtik daqqa fuq wiċċek, aqbad tih u dum tih sa kemm taqlagħlu rasu". Dan kien miktub f'gazzetta Ingliża dawk il-jiem.

(2) Il-fehma li Ġesù għadda tliet snin ta' ħajja pubblika tnisslet mill San Ġwann fl-Evanġelju tiegħu jsemmi l-Għid erba' darbiet. Imma f'dak l-Evanġelju hemm ħafna affarijiet li għadu m'humiex mifhuma. It-tliet Evanġelji Sinottki Għid Kbir wieħed isemmu, u l-aktar bikrijin fost is-santi Padri jgħidu wkoll li l-ħajja publika ta' Ġesù damet sena waħda biss.

(3) Hemm għidut ta' xi wieħed mis-santi Padri li Ġesù fix-xitwa ngħabar Ċipru. Ara Mons. Bougaud: "Storia della Religione Cristiana", qlib Taljan, faċċata 353.

(4) "Volumen" ġejja mill-kelma Latina "Volvo", jiġifieri "tgerbeb", jew "tobrom", għax l-ktieb ikollu għamla ta' romblu. Bil-lingwi Semin kienu jgħidulu "qanun", li minnha ttieħdet il-kelma Griega u Latina "canon", jiġifieri Liġi. L-isem "codex" jgħidu li ġej mill-kelma Latina "caudex", li tfisser zokk ta' siġra. Imma għalkemm il-ħoss tal-kelma jixxiebah, aktarx li m'hux minnu, għax ktieb bil-folji ma għandu ebda xebħ ma' zokk ta 'siġra. Aktar donnu ġej mill-kelma Semija "Qodes", jew "Qodex", jiġifieri, l-Ktieb Imqaddes per eċċellenza.

(5) Bħalli kieku: "ei, oi, h, i," kollha kellhom il-ħoss ta' "i". Fil-bidu tal-ewwel kolonna fir-ritratt tal-Codex Sinaiticus li ġibna, jidhru żewġ żbalji ta' din il-għamla; wieħed "i" flok "ei", u ieħor bil-maqlub tiegħu, "ei" flok "i".

# QWIEL TAL-PALESTINA

Rabbi kelb, u la trabbi ben-âdam. *Rabbi kelb, imma trabbix bniedem.* Dan la hu qawl Nisrâni anqas hu qawl Mislem, imma hu qawl ta' xi ħadd mixgħûf. Muħammed in-nifsu rabba tifel Nisrani, u fi kburîtu baqa' jafulu. Ta' bil-ħaqq li kelb, jekk titimgħu jibqa' jafulek u bniedem aktarx li ma jibqax; imma kif jgħid Din l-Insâra u l-Misilmîn, jekk ma jafulekx dak li jkun, jafûlek Alla.

*Sâħeb il-ħaqq sultan; u dar iż-żâlem, ħurban.* Min jagħmel is-sewwa, ikun qisu sultan; imma min jagħmel id-dnewwa, f'daru jkollu s-saħta". Hekk ngħidu hawn Malta wkoll: *Tas-serq ma jitgawdiex.* Imma dan jiġri ħafna drabi, mhux dejjem. Hawn min stagħna bis-serq u l-qerq, u gawda ġidu bid-dnewwa.

*Ragħîf bên tenân; la tħalli ġârek ġegħan.* "Ftira bejn tnejn; la tħalli lil ta' ħdejk bil-ġugħ". Dan hu raj tajjeb wisq, għax min tgħinu, jgħinek. Jista' jiġri li xi darba int ukoll tkun teħtieġ xi ħaġa, u ta' qribek jiftakar li ġid li għamiltlu u jaqdik.

*Sbieħ il-ħajr, ja ġâri! Inta b'dârek, u ana b'dari!* Jiġifieri: "Is-sebħ it-tajjeb, ja ġar tiegħi; imma int oqgħod f'darek, u jien noqgħod f'dari". Irid jgħid il-qawl li lil ġirien jaqbel li turihom li tgħożżhom, imma u la għandek issir midħla tagħhom int, anqas tħalli li jsiru tiegħek huma. Il-lâla żejda, fl-aħħar ħażin tintemm.